MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 827/2010

**Citadel Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Gaetano Debono (677946M) u l-istess Gaetano Debono**

**vs**

**Alan Chircop (387584M) u GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi fit-2 ta’ Lulju, 2009 il-vettura ALN 111 assigurata mas-socjeta’ rikorrenti Citadel Insurance p.l.c. proprjeta’ ta’ Gaetano Debono u misjuqa minn Alan Debono kienet involuta f’incident tat-traffiku mal-vettura bin-numru ta’

registrazzjoni BBP 326 misjuqa mill-intimat Alan Chircop u assigurata mas-socjeta’ intimata GasanMamo Insurance Limited.

Illi l-incident sehh unikament minhabba taskrugani, negligenza u inottemperanza mar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat Alan Chircop u dan kif ser jirrizulta matul it-tratazzjoni tal-kawza.

Illi per konsegwenza ta’ tali incident ir-rikorrenti soffrew danni ammontanti ghal tnejn u ghoxrin elf, erba’ mija u sbatax-il euro u hamsa u tletin centezmi (€22417.35) rapprezentanti l-valur fuq is-suq tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ALN 111 nieqes il-valur tat-tifrik (‘wreck value’) tal-istess vettura.

Illi debitament interpellati sabiex ihallsu lill-esponenti s-somma surreferita l-intimati baqghu inadempjenti.

Ghalhekk l-atturi tikorrenti qed jitolbu, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opprtuna, li jigi deciz billi jigi dikjarat li l-intimat Alan Chircop jahti ghall-incident surreferit datat 2 ta’ Lulju, 2009 bejn il-vetturi bin-numri ta’ registrazzjoni ALN 111 u BBP 326; li jigi dikjarast li, bhala konsegwenza tal-incident surreferit, l-atturi rikiorrenti soffrew danni ammontanti ghas-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, erba’ mija u sbatax-il euro u hamsa u tletin centezmi (€22417.35) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti jekk hemm bzonn bil-ghajnuna ta’ perit nominandi. Ir-rikorrenti qed jitolbu ukoll li l-intimati, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallasu lir-rikorrenti s-somma surreferita.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja datata 12 ta’ Jannar, 2012 kontra l-intimati li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Alan Chircop fejn gie eccepit :-

Illi t-talbier tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-atturi stante illi

kif se jigi ampjament ippruvat l-incident ma sehhx minhabba traskuragni, negligenza u inottemperanza mar-regolamenti tat-traffiku unikament da parti tal-esponent izda gara bil-htija ta’ Alan Debono.

Illi jsegwi li ma hemm ebda likwidazzjoni ta’ danni li ghandha tigi sofferta mill-esponent u illi ma hemm ebda kundanna ghal hlas li ghandu jsoffri l-esponent.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent kien assigurat b’polza ta’ assigurazzjoni tat-tip “comprehensive” mahruga mis-socjeta’ ta’ assigurazzjoni intimata a favur l-esponent li permezz taghha huwa assigura l-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni BBP 326 u ghalhekk l-esponent mhux il-leggitimu difensur fir-rigward it-tieni u t-tielet talba tal-atturi.

Rat li l-konvenuti intimati eccipew ulterjorment li, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġa sollevati, mill-provi prodotti fil-kawża odjerna jirriżulta illi l-esponent mhuwiex il-leġittimu kontradittur, huwa ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi.

Rat l-affidavits ta’ Dr. Edmond Zammit Laferla u ta’ Alan Debono li gew presentati mill-atturi.

Semghat lix-xhieda WPS 110 Maria Scicluna u PS 1 Joseph Busuttil imsejjhin mill-atturi.

Semghat lill-imsemmi xhud Alan Debono in kontro-ezami.

Semghat lill-konvenut.

Semghat lix-xhieda Jean Zammit u Damian Azzopardi imsejjhin mill-konvenut.

Rat l-affidavit ta’ Dr. Stefan Fenech prsentat mill-konvenut.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet  tal-atturi.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawza tikkoncerna incident stradali li sehh fit-2 ta' Lulju 2009 fi Triq Regjonali, San Giljan propju hdejn l-entratuira tat-"tunnels" fid-direzzjoni tal-Imsida. L-atturi jippretendu li l-konvenut Alan Chircop ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-istess incident, li fih kien hemm involuti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ALN 111, propjeta' tal-attur Gaetano Debono u li kienet qed tigi misjuqa minn Alan Debono u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBP 326 misjuqa mill-konvenut Alan Chircop. L-atturi qed jippretendu ukoll li l-imsemmi Gaetano Debono sofra danni estensivi fl-imsemmija vettura tieghu, liema danni, skond l-istess attur, jammontaw ghas-somma totali ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u sbatax-il euro u hamsa u tletin centezmi (€22417.35) u b'hekk l-atturi qed jitolbu ukoll li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma.

Da parti tieghu l-konvenut Alan Chircop irrisponda li l-incident ma sehhx htija tieghu u li kwalunkwe kaz il-pretensjoni tal-atturi trid tigi indirizzata lejn is-socjeta' assikuratrici tieghu cioe' s-socjeta ko-konvenuta GasanMamo Insurance Limited in vista tal-fatt li l-vettura misjuqa minnu kienet assikurata "comprehensive"ma l-istess socjeta'.

L-imsemmija socjeta' konvenuta nonostante li tirrizulta debitament notifikata naqset li tirrispondi skond il-ligi u kwindi l-istess socjeta' konvenuta ghandha titqies li hi kontumaci ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Konsiderazzjonijiet ohra**

Jirrizulta, mill-affidavit ta' Dr Edmond Zammit Laferla (fol.21) li l-imsemmija vettura ALN 111, tat-tip Mercedes Benz CLK, kienet assikurata mas-socjeta' assikuratrici attrici Citadel u kienet assikurata "comprehensive." L-istess assikurazzjoni kienet tkopri ukoll lil Alan Debono li kien qed isuq l-istess vettura meta gara l-incident in kwestjoni. Giet esibita kopja ta' cheque maħruġ mill-imsemmija socjeta' assikuratrici f'isem Gaetano Debono għall-ammont ta' €27662 rappresentanti l-hlas tal-hsara sofferti fl-imsemmija vettura. (Fol.26). Jigi rilevat li t-talba hi ghall-imsemmi ammont ta' u ghoxrin elf, erba' mija u sbatax-il euro u hamsa u tletin centezmi (€22417.35) mentri is-socjeta' attrici hallset lill-assikurat taghha ammont akbar.

**L-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur**

Il-konvenut, fost eccezzjonijiet ohra, jeccepixxi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur peress li l-vettura tieghu kienet assigurata "comprehensive" u b'hekk semmai kienet s-socjeta' assikuratrici tieghu cioe' s-socjeta' konvenuta GasanMamo li kienet il-legittimu kontradittur tal-atturi f'dawnil-proceduri. Hu ormai ben assodat li s-sewwieq tal-vettura li kienet involuta fl-incident jibqa dejjem responsabbli lejn il-parti l-ohra jekk din tippretendi li sofriet hsarat.

Ghalhekk it-tip ta assikurazzjoni li kellu l-konvenut hi rrilevanti stante li huwa dejjem jibqa responsabbli lejn parti ohra li tippretendi li sofriet xi dannu. F'kaz li l-konvenut jinsab li hu responsabbli ghad-danni li sofra l-attur, l-istess konvenut jista dejjem jdur fuq l-assikurazzjoni tieghu. Inoltre l-ligi tipprovdi proceduri fejn l-assikuarazzjoni tal-konvenut tinzamm responsabbli fl-eventwalita' li l-istess konvenut jinsab li hu responsabbli ghall-istess danni. Kwindi din l-eccezzjoni timmerita li tigi michuda.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju, 2011, fil-kawza fl-ismijiet "Alfred Ciantar vs Godfrey Camilleri" irritenit li "l-vinkolu kontrattwali li hemm

bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat, cioe' f'dan il-kaz ta' assikurazzjoni comprehensive hi li l-assikurazzjoni taghmel tajjeb ghad-danni kollha li sofra l-assikurat taghha u t-terz fil-habta jekk il-htija hi tal-assikurat, u billi l-assikurazzjoni hi comprehensive ladarba l-assikurat jithallas tal-hsara sofferta minnu fl-incident l-assikurazzjoni tidhol fiz-zarbun tal-assikurat biex tfittex lit-third party ghal hlasijiet li setghet ghamlet lill-assikurat taghha ghal hsara li sofra l-istess assikurat jekk fil-fehma tal-assikurazzjoni t-tort ghall-incident kien tal-parti l-ohra involuta."

F'dan il-kaz jirriżulta li s-socjeta' assikuratrici attrici Citadel hallset lill-assikurat taghha l-attur Gaetano Debono ghall-hsarat li sofra bhala konsegwenza tal-incident de quo. Jidher li l-attur Gaetano Debono thallas tad-danni kollha li huwa jippretendi li sofra fil-vettura tieghu. Una volta li s-socjeta' assikuratrici attrici Citadel hallset id-danni kollha sofferti mill-assikurat taghha, kwindi hi giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assikurat taghha u kwindi ukoll,jista jinghad li giet ikkreata relazzjoni guridika bejn is-socjeta' Citadel u l-konvenut. Kwindi anke in vista ta' dan kollu, l-erccezzjoni in kwstjoni tal-konvenut timmerita li tigi rigettata.

**Meritu – reponsabilita'**

Il-meritu ta' din il-vertenza hu jekk il-konvenut ghandux jitqies li hu unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni. F'dan ir-rigward jirriżulta li Alan Debono kien gej bl-imsemmija vettura minn fuq Manuel Dimech Bridge minn naha ta' San Giljan fid-direzzjoni lejn San Gwann. Il-konvenut Alan Chircop kien tiela t-telgha ta' Triq Mikielang Borg, sejjer lejn San Gwann minn Triq Mikiel Anton Vassalli.

Fir-rapport preparat mill-ufficjali tal-Pulizija li investigaw il-kollizzjoni hemm indikata l-versjoni tas-sewwieqa involuti fil-kollizzjoni. Din il-versjoni nghatat ftit wara li sehh l-incident u ghalhekk inghatat "a tempo vergine."

Is-sewwieq tal-Mercedes (ALN 111) Alan Debono ta' s-segwenti versjoni - "Kont qed insuq fuq il-bridge minn San

Giljan direzzjoni lejn San Gwann, meta harget karozza BBP326 VW Polo bajda minn fuq il-Giveway sign, gie fuq il-lane tieghi u ma stajtx nevitah, bil-konsegwenza li lqattu minn wara u bqajt (sic) diehel fil-hajt."

Minn naha l-ohra l-konvenut Alan Chircop (is-sewwieq tal-vettura VW Polo numru ta registrazzjoni BBP 326) stqarr - "Tlajt it-telgha ta' San Giljan sejjer lejn San Gwann u mort fuq il-lane l-ohra ghax ma rajt lil hadd gej minn fuq in-naha tieghi."

Mill-iskizz tal-kollizjoni ma tirrizultax fejn kien l-"spot of impact" u kwindi ma jirriżultax b'mod ċar jekk l-impatt sarx fl-"inner lane" jew inkella fl-"outer lane." Il-konvenut Chircop, fid-deposizzjoni tieghu, qal - "Il-point of impact kien fis-slow lane meta kont fit-triq jiena'. Ix-xhud Damien Azzopardi prodott mill-konvenut ukoll xehed illi l-point of impact kien fl-"inner lane tal-main road," wara illi l-konvenut intimat kien diga' hareg kompletament minn gol-giveway sign, u kien diga lahaq saq diversi metri lejn il-mini. Da parti tiegħu, s-sewwieq l-iehor Alan Debono xehed illi dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq fid-dritt fid-direzzjoni ta' San Gwann fuq in-naha tal-lemin tat-triq, u jiġifieri fil-fast lane. Xehed ukoll illi traffiku quddiemu ma kellux. Kien ghadu ma dahalx taht il-mini meta b'velocita' qawwija harget il-vettura misjuqa minn fuq il-'give way' u qasmet ghal quddiemu. Hu jgħid illi l-habta sehhet fuq il-'fast lane'.

Il-verżjoni tal-konvenut Alan Chircop li nghatat meta l-istess konvenut xehed quddien din il-Qort hi konflingenti għal verżjoni li ta' l-istess konvenut "a tempo vergine" fejn qal illi wara illi tela' it-telgħa, mar fuq il-lane l-oħra. Fit-triq fejn sar l-inċident hemm żewġ lanes, dik ta' ġewwa (ġeneralment magħrufa bħala inner lane) u dik ta' barra (ġeneralment magħrufa bħala outer lane). Bil-kliem 'Il-lane l-oħra' Alan Chircop bilfors ried ifisser l-'outer lane' stante li hemm żewġ lanes, u kwindi l-lane 'l-oħra' wara li jkun ħareġ mill give way sign tista' tfisser biss l-outer lane. Il-konvenut, fil-fatt ma jsemmiex fil-verżjoni a tempo vergine illi l-inċident sar fi slow lane, kif pero' jgħid

sussegwentament fil-proċeduri quddiem din il-Qorti, iżda jindika biss li l-incident sehh fil-'lane l-oħra'.

Kif gia rilevat il-verżjoni 'a tempo vergine' tingħata missewwieq immedjatament jew ftit tal-hin wara l-incident. Una volta li tali verzjoni nghatat fil-mument meta l-inċident ikun għadu kif seħħ, kwindi s-sewwieq ma jkollux ċans joqgħod jaħseb x'verżjoni tal-fatti jaqbillu jagħti. Tali versjoni ukoll tingħata qabel ma sewwieq ta' vettura jkollu l-opportunita' li jikkonsulta ma' ħaddieħor u qabel ma jista jigi influwenzat minn ħaddieħor dwar x'għandhu jghid. Kwindi jidher li l-verzjoni li tinghata "a tempo vergine" għandha titqies li hi l-verżjoni l-iktar affidabbli.

Ghalhekk meta jigu kkonsidrati l-verzjonijiet a tempo vergine tas-sewwieqa involuti f'din il-kollizzjoni ghandu jirriżulta li wara li tela t-telgħa, l-konvenut Alan Chircop qabeż il-lane ta' ġewwa u baqa' sejjer dritt għal fuq il-lane ta' barra fejn kien qiegħed għaddej is-sewwieq l-iehor Alan Debono. Kemm il-konvenut kif ukoll l-imsemmi xhud Damien Azzopardi jghidu li l-konvenut qabel ma hareg ghal fuq it-triq ("main road") xeghel l-'indicator.'

In effett il-konvenut ma kellux ghalfejn jixghel l-indicator stante li mit-triq minn fejn kien hiereg seta jmur biss f'direzzjoni wahda. Dan il-fatt, pero', hu indikattiv illi l-incident sehh meta l-konvenut hareg minn fuq il-"giveway sign," għall-fuq l-inner lane u sussegwentement u mill-ewwel kompla jaqsam għal fuq il-outer lane li fiha kien qed isuq Alan Debono.Generalment l-"indicator" jintuza sabiex jigi indikat li wiehed jkun ser ibiddel il-karregjata.

L-atturi sostnew ukoll li hu "difficli ferm li persuna tqatta tliet sieghat f'bar minghajr ma tixrob 'drink' wiehed" u li "huwa aktar difficli li wiehed jimmagina li l-intimat baqa ma xorob xejn." Dan l-argument pero' ma jreggix stante li l-konvenut permezz ta' certifikati medici pprova li hu jsofri minn kondizzjoni medika li ma tippermettilux li jixrob l-alkohol. F'dan ir-rigward din il-Qorti m'għandhiex raġuni taħseb li l-konvenut Alan Chircop kien qed isuq taht l-effett tax- xorb. Dan qed jighad anke in vista ta' dak li ddeponew uhud mix-xhieda in partikolari x-xhud WPS 110

Maria Scicluna, li kienet ufficjal tal-Pulizija li investigat il-kollizzjoni, u li kkonfermat li l-konvenut kellu aspett normali u tkellem ukoll b’mod normali. Inoltre l-istess xhud kompliet tghid li “ma kellix suspett fih (il-konvenut) li kien taht l-effett tal-alkohol jigifieri.”

Meta l-konvenut Alan Chircop kien ħiereġ minn fuq ll-give way sign għal gol-main road, u kwindi meta ghamel din il-manuvra, huwa kellu jesplora sewwa jekk kienux ġejjin vetturi minn gol-‘main road.’ Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet “Mark Sammut vs Maryse Germaine de la Fargue” tat-2 ta’ April 1976, irreteniet li “min ikun hiereg minn ‘side street’ ghal ‘main road’ ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-‘main road’ u li jieqaf ghal kollox jew johrog ‘inching out’ u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta’ diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha”

**Responsabilita tas-sewwieq l-iehor**

Is-sewwieq l-iehor involut f’dan l-incident, Alan Debono, kien ghaddej fil-“main road” u kwindi kellu d-dritta. Kwindi biex l-istess sewwieq Debono jitqies li hu ukoll responsabbli ghall-incident, il-konvenut irid jipprova tali responsabilita’. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet “Tarcisio Scicluna v Kevin Magro” tal-24 ta’ Mejju 2006 tghid li ‘.ma jfissirx illi min ikun fit-triq principali huwa dispensat mil-obbligu ta’ kull road user li juza d-dilgenza mehtiega fis-sewqan.” ‘Huwa m’ghandux ghal daqshekk u bhala tali xi brevet ta’ immunita minn kwalunkwe responsabilita’ f’kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user.”

Dejjem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza “Giuseppa armla minn Michelangelo Bonnici pro et noe vs Massimiliano Felice” - 15 ta’ Jannar 1971 – fejn intqal ‘ il-main road user m’ghandux garanzija ta’ innocenza, u lanqas ma ghandux

xi presunzjoni favur tieghu li l-iehor ma jgawdix minnha wkoll.”

Il-konvenut (fol.87) jghid li l-vettura l-ohra ALN 111 misjuqa minn Alan Debono ma kellhiex dwal mixghulin dak il-hin ta’ l-incident. Fil-verżjoni tal-inċident ‘a tempo vergine’ l-istess konvenut ma jsemmi xejn dwar id-dwal tal-vettura l-ohra. Kwindi ma jirriżultax l-imsemmi nuqqas rigwardanti id-dwal tal-vettura misjuqa minn Alan Debono. Jirriżulta pero’ nuqqas da parti tal-imsemi Alan Debono u cioe’ l-veloċità eccessiva li biha kien għaddej. Jirriżulta illi huwa kien qiegħed isuq b’velocita’ mill-anqas ta’ hamsa u tmenin kilometru fis-siegha “eighty-five kilometres” (fol.78). Tali velocita’ kienet definittavament il-fuq mill-“ispeed limit” ghaz-zona in kwestjoni, u l-istess velocita’ bla dubju kkontribuit biex sehhet il-kollizjoni. Il-fatt li Debono kien ghaddej b’velocita’ zgur eccessiva jista jiggustifika ghala s-sewwieq Alan Debono ma setax jevita lil sewwieq l-iehor il-konvenut u b’hekk ukoll sehh l-incident. L-istess Debono lanqas kellu l-opportunita’ li almenu jnaqqas il-velocita’ biex b’hekk jimminimizza l-effett tal-impatt u l-eventwali danni, li, in effett, jidher li kienu sostanzjali. Il-karozza misjuqa minn Debono giet meqjusa li kienet “total loss” bil-hsart li garbet bhala konsegwenza ta’ din il-kollizzjoni. Inoltre l-iskizz preparat mill-Pulizija, b’mod specjali kif hu muri li spiccaw il-vetturi, jindika li Debono kien ghaddej b’velocita’ eccessiva.

Għalhekk hi l-opinjoni ta’ din il-Qorti li kemm l-imsemmi sewwieq Alan Debono kif ukoll il-konvenut Alan Chircop huma responsabbli fl-istess grad għal dan l-inċident, l-ewwel wieħed għaliex kien qiegħed isuq b’veloċità eċċessiva u t-tieni wieħed għaliex ma osservax ir-regoli ta’ traffiku applikabbli għal min ikun hiereg minn ‘side street’ ghal ‘main road’ u inoltre naqas milli jesplora sewwa l-‘main road’ u naqas li jiżgura li l-istess triq principali kienet libera u inoltre biddel il-kareggiata. In vista ta dan ir-responsabilita’ ghall-incident ghandha tinqasam ugwalment bejn iz-zewg sewwieqa.

L-ammont tad-danni li qed jintalab mill-atturi hu ta’ €22.417.35. Tali soma bl-ebda mod ma giet kontestasta

mill-konvenut u kwindi l-istess ammont ghandu jitqies li hu l-ammont ta’ danni li sofra l-attur Gaetano Debono fl-imsemmija vettura tieghu. In vista tal-konsiderazzjonijeit maghmula aktar il-fuq tali talba ghandha togi milqugha limitatament ghas-somma ta’ hdax il-elf mitejn u tmien euro (€11208), cioe’ n-nofs tas-somma mitluba mill-atturi bhala danni.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddecidi billi fl-ewwel lok ticad l-eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur u fit-tieni lok tiddikjara li l-konvenut Alan Chircop hu responsabbli pero’ biss kwantu ghal nofs ghall-incident stradali li sehh fit-2 ta’ Lulju, 2009 bejn il-vetturi bin-numri ta’ registrazzjoni ALN 111 u BBP 326. Tiddikjara ukoll li, bhala konsegwenza tal-istess incident l-atturi soffrew danni ammontanti ghas-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf, erba’ mija u sbatax-il euro u hamsa u tletin centezmi (€22417.35) u b’hekk tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejnithom ihalsu lill-atturi s-somma ta’ hdax il-elf mitejn u tmien euro (€11208) in linea ta’ danni u cioe’ n-nofs tas-somma li qed tintalab mill-atturi. Bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------